**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS LL.D**

**Kawża Numru: 438/2014**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Silvana Zrinzo Azzopardi)**

**vs**

**Michael Portelli**
**(ID 0252483(M))**

**Illum, 20 ta' Lulju 2022**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Michael Portelli**, ta' 31 sena, iben Mario u Maria Dolores nee` Grima, imwieled Pieta` nhar is-27 ta' April 1983, resident 58, Triq is-Serkin, Marsa jew Ċikku, Triq Dun Ġorġ Preca, Fgura, jew Ent. A, Flat 7, Binja tal-Faqqani, Dawret it-Torri, Santa Lucia, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 0252483(M);

Akkużat talli f'dawn il-Gżejjer fil-11 ta' Ġunju 2011, għall-ħabta ta' nofsinhar, waqt li kien fit-Taqsima Forensika li tifforma parti mill-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin u li tinsab fl-Isptar Monte Karmeli, Ħ'Attard:

1. Kellu fil-pussess tiegħu r-raża meħuda mill-pjanta *cannabis* kollha jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża u dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Artikolu 33A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. U aktar talli kkommetta reat waqt li kien taħt Ordni ta' *Probation* mogħtija mill-Qorti ta' Malta, preseduta mill-Maġistrat Dr. A. Micallef Trigona LL.D. nhar is-27 ta' April 2009, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna li jitħallsu l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, skont l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.[1]

Semgħet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti, inkluż l-Ordni ta' l-Avukat Ġenerali tal-25 ta' Lulju 2013, ai termini tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta), sabiex dan il-każ jinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali[2];

Rat illi l-Prosekuzzjoni ntavolat iċ-ċitazzjoni, iżjed tard emendata, fir-Reġistru ta' din il-Qorti fit-18 ta' Settembru 2014;

Rat illi l-kawża ġiet appuntata għas-smiegħ għad-19 ta' Jannar 2015, kif ukoll illi fis-seduta tal-15 ta' April 2016, meta l-imputazzjonijiet (kif emendati u miżjuda) ġew moqrija u kkonfermati bil-ġurament mill-Uffiċjal Prosekutur, l-imputat wieġeb li mhux ħati tal-istess imputazzjonijiet kif miġuba kontra tiegħu[3];

Semgħet trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

Illi mill-atti proċesswali jirriżulta illi nhar il-11 ta' Ġunju 2011, għall-ħabta ta' 12.15 p.m., il-Pulizija mill-Għassa ta' Birkirkara ġew infurmati mill-Maġġur Frankie Borg mit-Taqsima tal-Forensika ġewwa l-Isptar Monte Carmeli, illi kienet għadha kemm instabet sustanza suspettata droga fuq wieħed mid-detenuti, ossia l-imputat odjern, fl-istess Taqsima. Jirriżulta wkoll illi dakinhar l-imputat kellu *contact visit* mat-

---

[1] Iċ-ċitazzjoni odjerna ġiet emendata fuq talba tal-Prosekuzzjoni, milqugħa mill-Qorti b'digriet tat-13 ta' Mejju 2015 sabiex minflok l-imputazzjoni oriġinali li kienet tikkontempla r-reat ta' pussess tal-pjanta tal-*cannabis* ai termini tal-Artikolu 8(d) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, l-imputat ġie akkużat bir-reat ta' pussess tar-raża tal-*cannabis* ai termini tal-Artikolu 8(a) tal-istess Kapitolu (ara a fol. 92A u 93 tal-proċess). Sussegwentement fuq talba oħra tal-Prosekuzzjoni, milqugħa mill-Qorti b'digriet tal-15 ta' April 2016, saret żieda fiċ-ċitazzjoni, biex l-imputat ġie akkużat ukoll bit-tieni imputazzjoni (ara a fol. 107 u 108 tal-proċess).

[2] Ara a fol. 10 tal-proċess.

[3] Ara a fol. 107 tal-proċess.

tfajla tiegħu, ċerta Lyndsay Zammit, u illi hekk kif din il-viżta spiċċat, għall-ħabta ta' 11.45 a.m., saret tfittxija fl-affarijiet li kienu ngħataw lill-imputat waqt l-istess viżta, waqt liema tfittxija ma nstab xejn. Sussegwentement saret *strip search* fuq l-imputat minn **CO 120 Jason Galea**, **il-Maġġur Frank Borg** u **PC 1599 Charles Muscat**, li matulha lanqas ma nstab xejn. Madankollu, hekk kif CO 120 Jason Galea talab lill-imputat sabiex ineħħi l-arloġġ li kien liebes, l-uffiċjali preżenti nnutaw lill-imputat bħal qed jaħbi xi ħaġa f'idu, fejn irriżulta li kien qed iżomm karta bajda daqs ċenteżmu tal-ewro. Mistoqsi x'kien hemm f'din il-karta, l-imputat wieġeb li din kienet *smoke*. Fil-karta kien hemm sustanza kannella skura.

**L-Ispettur** (illum Supretendent) **Silvana Zrinzo Azzopardi** infurmat b'dan kollu lill-Maġistrat tal-Għassa (illum l-Onor. Imħallef) Dr. Consuelo Scerri Herrera, li ħatret lill-espert **ix-Xjenzat Godwin Sammut**, kif ukoll lil **PS 826 Matthew Parnis** bħala *Scene of Crime Officer*. Ir-relazzjonijiet tal-imsemmija esperti jinsabu annessi u jiffurmaw parti mill-proċess verbal tal-inkjesta li saret dwar dan il-każ.[4]

Jirriżulta wkoll mill-atti proċesswali illi l-imputat irrilaxxja stqarrija lill-Pulizija Eżekuttiva dakinhar stess tal-11 ta' Ġunju 2011 ġewwa l-Għassa ta' Birkirkara, u dan wara li ngħata s-solita twissija skont il-liġi, u wara li ngħata l-jedd li jottjeni parir legali, liema jedd huwa għażel li jeżerċitah.[5]

Mir-relazzjoni tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut, li kkonferma l-kontenut ta' din ir-relazzjoni fix-xhieda tiegħu f'dawn il-proċeduri[6], jirriżulta illi huwa ngħata dokument wieħed għall-analiżi tiegħu minn PS 826 Matthew Parnis, konsistenti f'*envelope* ta' lewn kannella li fih sustanza ta' lewn kannella ġo *tissue*.[7]

Mill-istess relazzjoni, jirriżulta wkoll illi l-espert ikkonkluda bil-mod segwenti dwar din is-sustanza:

> "(a) Illi fl-estratti meħuda mis-sustanza ta' lewn kannella li hemm fid-dokument ... instabet is-sustanza <u>*Tetrahydrocannabinol*</u> sustanza li tiġi mill-pjanta tal-Kannabis. Il-piż tas-sustanza kien ta' <u>0.39 grammi</u> u l-

---

[4] Ara l-atti tal-proċess verbal esebit a fol. 15 *et seq* tal-proċess, li jikkontjeni wkoll l-istqarrijiet tal-Maġġur Frank Borg, ta' PC 1599 Charles Muscat u dik ta' CO 120 Jason Galea, kif ikkonfermati minnhom bil-ġurament quddiem il-Maġistrat Inkwirenti nhar l-14 ta' Ġunju 2011, u x-xhieda tal-Ispettur Silvana Zrinzo Azzopardi quddiem il-Maġistrat Inkwirenti tal-istess data, kif ukoll ix-xhieda tal-istess Spettur Sylvana Zrinzo Azzopardi f'dawn il-proċeduri (a fol. 59 sa 66 tal-proċess), ix-xhieda tal-Maġġur Frankie Borg (a fol. 84 sa 87 tal-proċess); ix-xhieda ta' PC 1559 Charles Muscat (a fol. 88 sa 90 tal-proċess); u x-xhieda ta' CO 120 Jason Galea (a fol. 97 sa 100 tal-proċess).

[5] Ara din l-istqarrija esebita bħala Dok. SZA 2, a fol. 72 u 73 tal-proċess.

[6] Ara din ix-xhieda a fol. 102 u 103 tal-proċess.

[7] Din is-sustanza tidher fir-ritratti formanti parti mir-relazzjoni ta' PS 826 Matthew Parnis, esebita fl-atti tal-proċess verbal tal-inkjesta li saret dwar il-każ (ara a fol. 48 *et seq* tal-proċess).

> purita kienet ta' ċirka 7.5%. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-liġi taħt Taqsima III Sezzjoni 8 tal-kapitlu 101 tal-Liġijiet ta' Malta."[8]

Fix-xhieda tiegħu f'dawn il-proċeduri, l-istess espert jikkonferma illi s-sustanza in kwistjoni kienet raża tal-*cannabis,* u li tenut kont tal-piż tagħha, minnha kienu joħorġu *joint* jew tnejn.

Mix-xhieda ta' **CO 116 Helenio Galea** jirriżulta illi l-imputat odjern daħal il-ħabs fis-6 ta' April 2011 u fl-istess jum ġie trasferit ġewwa l-*Forensic Unit* tal-Isptar Monte Karmeli, fejn dam sat-13 ta' Ġunju 2011, f'liema jum reġa' ġie trasferit lura lejn il-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin.[9] Jirriżulta wkoll minn Dok. HG esebit mix-xhud, illi fl-istess jum tat-13 ta' Ġunju 2011, l-imputat reġa' ġie trasferit mill-ħabs lejn l-Isptar Monte Karmeli.[10]

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi jrid jingħad fl-ewwel lok illi l-Qorti qed tqis l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat nhar il-11 ta' Ġunju 2011 bħala inammissibbli u dan stante li l-istess imputat ma ngħatax il-jedd li jkun assistit minn avukat waqt l-interrogatorju tiegħu. Fil-fatt fiż-żmien in kwistjoni, dan il-jedd ma kienx viġenti fil-liġi Maltija. Dan qed jingħad fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qrati Maltin fir-rigward, inkluż iżda mhux biss, is-sentenzi fl-ismijiet **Morgan Onourah vs L-Avukat tal-Istat** (Qorti Kostituzzjonali, 27 ta' Jannar 2021, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Kevin Gatt et** (Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri), 27 ta' Ottubru 2021), kif ukoll **Christopher Bartolo vs L-Avukat ta' l-Istat** (Qorti Kostituzzjonali, 26 ta' April 2022) u **Ir-Repubblika ta' Malta vs Andrew Mangion** (Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri), 4 ta' Mejju 2022). Jirriżulta ċar illi fl-istqarrija rilaxxjata minnu l-imputat għamel dikjarazzjonijiet inkriminanti. Għaldaqstant, il-Qorti qed tiskarta l-kontenut tal-istess stqarrija meħuda lill-imputat mingħajr il-jedd għall-assistenza legali waqt l-interrogatorju tiegħu bħala nieqsa minn valur probatorju. Naturalment dan japplika wkoll għal dak li xehdet l-Uffiċjal Prosekutur in konnessjoni mal-kontenut tal-istess stqarrija.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi permezz tal-ewwel imputazzjoni, l-imputat qed jiġi akkużat bir-reat ta' pussess tar-raża meħuda mill-pjanta tal-*cannabis* bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-

---

[8] Ara din ir-relazzjoni, a fol. 38 *et seq* tal-proċess.
[9] Ara a fol. 93 sa 95 tal-proċess.
[10] Ara a fol. 96 tal-proċess.

Liġijiet ta' Malta. Mit-trattazzjoni finali tad-difiża, jirriżulta illi l-imputat m'huwiex jikkontesta illi huwa kien fil-pussess ta' din id-droga. Filfatt jirriżulta mix-xhieda fl-atti proċesswali illi fil-jum in kwistjoni, l-imputat instab fil-pussess ta' sustanza kannella skura, li mir-relazzjoni tax-Xjenzat Godwin Sammut, jirriżulta illi kienet raża tal-*cannabis*, f'piż ta' 0.39 grammi, b'purita` ta' ċirka 7.5%.

Jirriżulta in oltre mix-xhieda tal-uffiċjali li sabu l-istess sustanza fil-pussess tal-imputat, kif ukoll mix-xhieda ta' CO 116 Helenio Galea, illi dak iż-żmien l-imputat kien detenut ġewwa l-Isptar Monte Karmeli ossia fit-Taqsima Forensika fl-istess sptar.

Għal kull buon fini, u fid-dawl tat-trattazzjoni tal-abbli avukat difensur, il-Qorti tirrileva wkoll illi r-reat ikkontemplat fl-ewwel imputazzjoni huwa preskrivibbli b'terminu ta' ħames snin, fit-termini tal-Artikolu 688(d) tal-Kodiċi Kriminali u għaldaqstant, fil-każ odjern, l-azzjoni ma kinitx preskritta.

Għaldaqstant, il-Qorti qed tqis illi l-ewwel imputazzjoni tirriżulta sodisfaċentement ippruvata.

Permezz tat-<u>tieni imputazzjoni</u>, imbagħad, l-imputat qed jiġi akkużat ukoll talli kkommetta reat fil-perjodu operattiv ta' Ordni ta' *Probation* mogħtija minn din il-Qorti kif presjeduta mill-Maġistrat Dr. A. Micallef Trigona, nhar is-27 ta' April 2009.

In sostenn ta' din l-imputazzjoni, il-Prosekuzzjoni esebiet vera kopja ta' sentenza ta' din il-Qorti, preseduta mill-Maġistrat Dr. A. Micallef Trigona, tas-27 ta' April 2009, fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Spettur Kevin J. Farrugia) vs Rodney Casha, Michael Portelli', mil-liema jirriżulta illi n-numru tal-karta tal-identita` tal-imputat Michael Portelli f'dak il-każ, huwa identiku għal dak tal-imputat odjern.[11] Għaldaqstant, din il-Qorti hija sodisfatta illi l-imputat f'dak il-każ kien proprju l-istess imputat tal-lum. Minn din is-sentenza jirriżulta wkoll illi l-imputat tqiegħed taħt Ordni ta' *Probation* għal perjodu ta' tliet snin u ċioe` għalhekk sas-27 ta' April 2012, li jfisser ukoll illi l-imputat ikkommetta r-reat mertu tal-ewwel imputazzjoni fil-perjodu operattiv ta' din l-Ordni ta' *Probation.*

Fir-rigward ta' din l-imputazzjoni, madankollu, l-imputat esebixxa vera kopja ta' sentenza tal-Qorti Kriminali tad-29 ta' Settembru 2011, fl-ismijiet 'Il-Pulizija

[11] Ara a fol. 110 u 111 tal-proċess.

(Spettur Kevin J. Farrugia) vs *omissis,* Michael Portelli'[12]. Minkejja li minn din is-sentenza ma jirriżultawx il-konnotati tal-imputat f'dak il-każ, lanqas in-numru tal-karta tal-identita` tiegħu, biss jirriżulta ċar illi din is-sentenza kienet qed tirreferi proprju għas-sentenza mogħtija fil-konfront tal-imputat odjern, indikata fil-paragrafu ta' qabel dan, u illi permezz tagħha huwa tqiegħed taħt Ordni ta' *Probation* għal perjodu ta' tliet snin. Fil-fatt is-sentenza tal-Qorti Kriminali tirreferi għall-imputazzjoni miġjuba kontra l-imputat u li tagħha nstab ħati permezz tas-sentenza tas-27 ta' April 2009, li hija identika proprju għall-imputazzjoni li tidher f'din l-aħħar sentenza, kif ukoll għad-*decide* fl-istess sentenza. Jirriżulta illi din is-sentenza ngħatat mill-Qorti Kriminali wara denunzja mill-Uffiċjal tal-*Probation* Ivan Sultana fil-konfront tal-imputat odjern, ai termini tal-Artikolu 21 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan stante illi l-istess imputat ma segwiex il-kundizzjonijiet tal-istess Ordni u illi dik il-Qorti trattat mal-imputat dwar ir-reat mertu tas-sentenza tas-27 ta' April 2009[13] ai termini tal-Artikolu 21(2) tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, billi rrevokat l-Ordni ta' *Probation* u kkundannat lill-istess Michael Portelli għal seba' xhur priġunerija. Din il-Qorti ma tistax terġa' titratta mal-imputat dwar reat li huwa diġa` ngħata piena dwaru, u għaldaqstant, se tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-imputazzjoni.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi għall-fini ta' piena dwar l-ewwel imputazzjoni, fl-ewwel lok il-Qorti qed tqis il-fedina penali tal-imputat kif aġġornata sa Ottubru 2020, mil-liema jirriżulta illi l-imputat ġie kkundannat għal diversi reati fosthom pussess ta' arma tan-nar, reati taħt il-Kap. 65 u l-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta, serq aggravat (f'żewġ okkażjonijiet), frodi b'għemil qarrieqi, falsifikazzjoni ta' dokumenti, riċettazzjoni, pussess tar-raża tal-*cannabis* (f'żewġ okkażjonijiet), tal-kokaina u tal-pjanta tal-*cannabis,* traffikar tad-droga eroina, pussess aggravat tad-droga eroina (f'żewġ okkażjonijiet) u pussess aggravat ta' mediċina psikotropika u ristretta, dwar liema l-istess imputat ingħata pieni pekunjarji, sentenza ta' priġunerija sospiża, liberazzjoni kundizzjonata, Ordni ta' *Probation* u piena ta' priġunerija (f'żewġ okkażjonijiet). In oltre kif jirriżulta mis-sentenza tal-Qorti Kriminali tad-29 ta' Settembru 2011, l-Ordni ta' *Probation* ġiet imħassra u l-imputat ġie kkundannat għal piena ta' priġunerija.

Il-Qorti qed tqis ukoll iċ-ċirkostanzi tal-każ odjern, inkluż l-ammont ta' droga li kien wieħed minimu u n-natura tar-reat mertu tal-ewwel imputazzjoni li tiegħu l-imputat

---

[12] Ara a fol. 125B *et seq* tal-proċess.

[13] Jidher li bi żvista fil-parti deċiżiva, il-Qorti Kriminali rreferiet għal din is-sentenza bħala dik datata 27 ta' April 2011. Madankollu, mit-tieni paragrafu tal-istess sentenza jirriżulta illi l-Qorti kienet qed tirreferi għas-sentenza tas-27 ta' April 2009, kif jirriżulta wkoll mill-kontenut tal-istess sentenza tal-Qorti Kriminali.

ser jinstab ħati, kif ukoll illi dan ġie mwettaq minnu waqt li kien jinsab detenut fit-Taqsima Forensika tal-Isptar Monte Karmeli li, bis-saħħa tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 260.02, tikkostitwixxi ħabs għall-finijiet tal-Att dwar il-Ħabs u illi għaldaqstant, huma applikabbli fil-konfront tal-istess imputat id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 33A tal-Kodiċi Kriminali, b'dan għalhekk illi l-piena għandha tiżdied bi grad jew tnejn u d-disposizzjonijiet tal-Artikoli 21 u 28A tal-Kodiċi Kriminali u tal-Att dwar il-*Probation* m'għandhomx japplikaw. Tqis ukoll illi fil-każ odjern mhumiex applikabbli id-disposizzjonijiet tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 13(b) tal-istess Kapitolu.

Tqis in oltre n-nota ta' Joanne Buhagiar Fiott, koordinattriċi tal-Bord tar-Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga tat-23 ta' Settembru 2020, mil-liema jirriżulta illi l-istess Bord kien ilu jsegwi lill-imputat mis-sena 2018, illi sa dakinhar tal-istess nota huwa kien jinsab fit-triq tar-rijabilitazzjoni u illi ma baqax jagħmel użu mid-drogi eroina u l-kokaina. Skont l-istess nota, huwa kien qed jiġi segwit mill-Aġenzija Sedqa u minn Dr. Anna Vella fi ħdan id-*Detox*.[14]

Tqis in oltre illi dan il-każ jirrisali għal Ġunju 2011, kif ukoll illi għalkemm parti mid-dewmien kien imputabbli lill-imputat stess jew lid-difiża li talbu numru ta' differimenti, ma jistax jingħad illi d-dewmien kollu f'dawn il-proċeduri kien attribwibbli biss lill-istess imputat.

Fiċ-ċirkostanzi, il-Qorti tqis illi għandha tapplika piena fil-minimu, b'dan ukoll illi fid-dawl tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 33A tal-Kodiċi Kriminali, ma tistax ħlief tapplika piena ta' priġunerija effettiva.

## Konklużjoni

Għal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 8(a), 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-Regolament 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-Artikolu 33A tal-Kodiċi Kriminali, qed issib lill-imputat **Michael Portelli** ħati tal-ewwel imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u qed tikkundannah għall-piena ta' tliet (3) xhur priġunerija effettiva.

Għar-raġunijiet fuq indikati, tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni imputazzjoni.

Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, tikkundanna lill-ħati għall-ħlas tal-ispejjeż konnessi mal-ħatra tal-esperti fl-istadju tal-proċess verbal tal-inkjesta dwar

[14] Ara a fol. 130 tal-proċess.

dan il-każ, ossia l-ispejjeż konnessi mal-ħatra tax-Xjenzat Godwin Sammut ammontanti għas-somma ta' mija, erbgħa u ħamsin ewro u sitta u sebgħin ċenteżmu (€154.76), kif ukoll l-ispejjeż konnessi mal-ħatra ta' PS 826 Matthew Parnis bħala *Scene of Crime Officer*, ammontanti għas-somma ta' tmienja u tletin ewro u tnejn u erbgħin ċenteżmu (€38.42); b'kollox tali spejjeż jammontaw għas-somma ta' mija, tlieta u disgħin ewro u tmintax-il ċenteżmu (€193.18), li għandhom jitħallsu fi żmien sitt (6) xhur mil-lum.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga esebita fl-atti ta' din il-kawża hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi proċess verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat